# LIL DUN KARM

## Ta' PAWLU MIFSUD

*Fl-okkażjoni tal-kxif u t-tberik tal-lapida, il-Ħadd, 17 t'Ottubru 1965, mad-dar fejn Dun Karm twieled, Ħaż-Żebbuġ.*

Jekk il-poeti kollha ta' dil-Gżira
Ħarsu lejk b'imħabba u b'missier tagħhom
Dejjem qisuk, u f'moħħhom it-tifkira
Ħanina tiegħek għadha qed tgħix magħhom,

Inħoss li jien, iben il-Poeżija,
Għandi l-jedd nifraħ bik w ismek insejjaħ
Daqshom ilkoll u iktar, la tarbija
Bħalek twelidt u għext f'dar-raħal sbejjaħ.

Bħalek Żebbuġi u bħalek inħoss f'qalbi
Ix-xenqa saf'a għall-għanjiet ħelwin
Li jhennu l-qlub imtaqqla tal-bnedmin;

Lilek insellem, fik niftakar f'talbi,
Għaliex kull meta ninseġ l-għana tiegħi
Inħoss li Int tkun hemm titkellem miegħi.



# COMM. IVO MUSCAT AZZOPARDI, P.L., O.S.J.

Fil-waqt li konna għoddna wasalna biex nistampaw u noħorġu IL-MALTI, kellna nġarrbu bl-akbar niket l-aħbar tal-mewt għal-għarrieda tal-Comm. Ivo Muscat Azzopardi, li ġrat fit-13 tax-xahar ta' Diċembru fil-għaxija, wara ħajja ta' 76 sena. Ivo Muscat Azzopardi, barra milli kien wieħed mill-Membri qodma tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, kien ukoll wieħed li mit-twelid tagħha, għalkemm imbiegħed minn art twelidu, ħabrek biex ikabbar l-isem tal-Għaqda u tal-Lsien Malti fost il-Maltin sħabu u l-barranin u jikseb, bil-ħidma tiegħu ta' kitba bil-Malti u laqgħat soċjali u letterarji, l-aqwa ko-operazzjoni għall-koltivazzjoni u progress tal-Lsien Malti kif tixhed ix-Xirka tat-Tixrid tal-QARI MALTI fl-Eġittu imwaqqfa minnu u mis-Sur Anton G. Said.

Mindu Ivo Muscat Azzopardi raġa' lejn art twelidu wara l-Gwerra l-Kbira huwa ma waqaf qatt mill-ħrara u ħidma tiegħu għall-ġid tal-Għaqda kull meta fi ħdanha, sew bħala Membru Akkademiku kemm bħala membru tal-Kunsill, kif ukoll bħala kittieb, ta xhieda tal-akbar ħeġġa u inizjativa fit-twaqqif ta' laqgħat akkademiċi u trassmissjonijiet ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti minn kittieba fuq ir-*Rediffusion*, kif ukoll bir-relazzjonijiet ta' ċentri akkademiċi ta' barra, fejn fosthom xandar il-ħidma tal-Għaqda u tal-organu tagħha.

Bin il-magħruf rumanzier u poeta, il-Kavalier Ġuże Muscat Azzopardi, huwa wiret mhux ftit mill-pinna ta' missieru, u bil-kitba ta' proża narrativa tiegħu (iktarx ta' rakkonti polizjeski), soċjali u drammatika għammar u żejjen, flimkien ma' kittieba tal-ġenerazzjoni ġdida, id-dokumentazzjoni storika tal-letterura Maltija tal-lum.

Fil-wisa' ċkejken tal-ħarġa ta' IL-MALTI ta' din id-darba ma stajniex insemmu ħlief fuq fuq dak ix-xogħol kollu ta' fejda fil-kamp tad-diversi ħidmiet tiegħu, fosthom dik tal-arti drammatika, li fiha wera l-akbar perseveranza, bi preġudizzju ta' saħħtu sa l-aħħar nifs ta' ħajtu.

Il-Għaqda, li flimkien ma' soċjetajiet oħra, fosthom il-Għaqda Letterarja Maltija, u rappreżentanti oħra kulturali, ħadet sehem fil-funeral tal-Membru Akkademiku tagħha, fil-għodwa tal-15 tax-xahar, tissieħeb ukoll mal-familja tiegħu fin-niket u ħasra tal-mewt tiegħu kif ukoll fit-talb għall-mistrieħ ta' ruħu.